MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 335/2013

**Mobisle Communications Ltd**

**C24655**

**Vs**

**Mallia Alexander**

**ID 392280M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2013 fejn il-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mija tmienja u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€1,188.10) in konnessjoni ma' servizz/i ta' kommunikazzjoni bin-numru 99510435 numru tal-kont A/C 40175809, moghtija mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat biex ihallas l-istess izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta'attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-12 ta' Lulju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta'attrici fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija tmienja u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€1,188.10) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------